IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 13.7.2012
COM(2012) 382 final

2012/0186 (COD)

Pakkett tal-affidabilità stradali

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġit tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

L-għan tal-proposta huwa li tistipula regoli armonizzati aġġornati dwar l-ispezzjoni waqt it-traġit tal-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom bil-ħsieb li jissaħħu s-sikurezza fit-toroq u l-ħarsien tal-ambjent.

Il-proposta għandha l-għan tikkontribwixxi sabiex tintlaħaq il-mira għal tnaqqis fil-fatalitajiet fit-toroq bin-nofs sal-2020 kif stipulat fl-Orjentazzjonijiet ta' Politika dwar is-Sikurezza tat-Triq 2011-2020[1]. Se tikkontribwixxi wkoll lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-trasport tat-triq marqbut mal-livell baxx ta' manutenzjoni tal-vetturi.

- Kuntest Ġenerali

Qabel ma vettura titħalla titqiegħed fis-suq, trid tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' approvazzjoni tat-tip rilevanti jew dawk individwali li jiggarantixxu l-aqwa livell ta' standards ta' sikurezza u ambjentali. Kull Stat Membru għandu l-obbligu li, għall-ewwel darba, jirreġistra kwalunkwe vettura li tikseb l-approvazzjoni tat-tip Ewropea abbażi taċ-"Ċertifikat ta' Konformità" li jinħareġ mill-produttur tal-vettura. Din ir-reġistrazzjoni hija l-awtorizzazzjoni uffiċjali għall-użu fit-toroq pubbliċi u tinforza d-dati differenti ta' introduzzjoni tar-rekwiżiti differenti tal-vetturi.

Wara din l-approvazzjoni, il-karozzi fit-triq iridu jiġu sottomessi għal testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali. L-għan ta' dawn it-testijiet huwa li jiżguraw li l-karozzi fit-triq jibqgħu igawdu minn affidabilità stradali, jibqgħu sikuri u ma jkunu ta' ebda periklu għax-xufier jew utenti oħra tat-triq. Għalhekk, il-karozzi jiġu ċċekjati għall-konformità ma' ċerti rekwiżiti, bħal dawk għas-sikurezza u għall-ħarsien ambjentali, kif ukoll għal rekwiżiti dwar modifiki li jsiru wara. Minħabba l-użu regolari u intensiv tagħhom l-aktar għal finijiet kummerċjali, il-vetturi użati għat-trasport professjonali ta' oġġetti b'massa ta' tagħbija akbar minn 3.5 tunnellati u għat-trasport professjonali ta' passiġġieri ta' aktar minn 8 passiġġieri huma suġġetti addizzjonalment għal spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit *ad hoc* fejn tiġi vverifikata l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ambjentali u tekniċi fi kwalunkwe ħin u fi kwalunkwe post fl-UE.

Matul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura, din tista' tkun suġġetta għar-reġistrazzjoni mill-ġdid, minħabba tibdil fis-sjieda jew trasferiment minn Stat Membru għall-ieħor għall-użu permanenti. Għandhom jiġu introdotti dispożizzjonijiet simili dwar il-proċedura għal reġistrazzjoni ta' vettura biex ikun żgurat li vetturi li jippreżentaw riskju immedjat għas-sikurezza fit-toroq ma jintużaw fuq it-toroq. L-għan ewlieni tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit huwa li jiżguraw li fl-intervalli bejn it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali, il-vetturi kummerċjali ma jippreżentawx riskji sinifikanti għas-sikurezza stradali. Għandhom l-għan ukoll li joħolqu kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-kwalità tal-manutenzjoni tal-vetturi

[1] COM (2010) 389 finali.

kummerċjali li jirriċkolaw fl-Unjoni billi jiskoraġġixxu lill-operaturi irrespondabbli milli jippruvaw jakkwistaw vantaġġ kompetittiv billi jħaddmu vetturi mhux miżmuma b'mod adegwat.

- Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta

Il-"Pakkett dwar l-Affidabilità Stradali" se jmexxi 'l quddiem ir-rekwiżiti eżistenti stipulati fil-qafas leġiżlattiv eżistenti relatati mar-reġim dwar l-affidabilità stradali, li tkopri t-testijiet tal-affidabilità stradali[2], l-ispezzjonijiet waqt it-traġit[3] u regoli dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi[4].

Meta mqabbla mal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar l-ispezzjonijiet waqt it-traġit, l-għan ewlieni tal-proposta huwa li tipprovdi għal sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju li għandha l-għan li tiffoka l-ispezzjonijiet fuq vetturi mħaddma minn impriża b'rekord ħażin tas-sikurezza u b'hekk tippremja l-vetturi mħaddma minn impriżi li jieħdu ħsieb is-sikurezza u l-ambjent. Il-proposta tistipula wkoll rekwiżiti ġodda dwar diversi kwistjonijiet relatati mal-istandard u l-kwalità tal-ittestjar, jiġifieri l-apparat għall-ittestjar, il-ħiliet u t-taħriġ tal-persunal tal-ittestjar u s-superviżjoni tas-sistema tal-ittestjar.

- Il-konsistenza mal-politiki u l-objettivi l-oħra tal-Unjoni

Il-proposta hija konsistenti mal-għan tal-UE li trendi t-toroq aktar sikuri kif deskritt fil-White Paper dwar it-Trasport[5] u għandha l-għan li timplimena l-istrateġija speċifika relatata ma' vetturi aktar sikuri fi ħdan l-Orjentazzjonijiet ta' Politika dwar is-Sikurezza tat-Triq 2011-2020.

Barra minn hekk, f'dak li jirrigwarda l-aspetti ambjentali tal-proposta, ir-rekwiżiti previsti jikkontribwixxu lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO_2 u sustanzi oħra li jniġġsu fl-arja li ġejjin minn vetturi bil-mutur skont l-Istrateġija Ewropea dwar vetturi ta' enerġija nadifa u effiċjenti kif ukoll il-politika integrata dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima 'l hekk imsejħa "strateġija 20-20-20" u biex jikkontribwixxu biex jinkisbu l-miri tal-kwalità tal-arja stipulati fid-Direttiva 2008/50/KE[6].

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- Il-konsultazzjoni mal-partijiet interessati

---

2 Direttiva 2009/40/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar testijiet tal-kondizzjoni ta' vetturi u tal-karrijiet tagħhom għat-triq (ĠU L 141, 6.6.2009, p. 12).

3 Id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq (ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1).

4 Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/37/KE tad-29 ta' April 1999 dwar id-dokumenti ta' reġistrazzjoni għall-vetturi (ĠU L 138, 1.6.1999, p. 57).

5 COM (2011) 144 finali.

6 Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU L 152, 11.6.2008, p. 1).

Metodi ta' konsultazzjoni

Fil-proċess tat-tħejjija tal-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat mal-partijiet interessati permezz ta' metodi differenti:

– Kien hemm konsultazzjoni ġenerali fuq l-internet li kopriet l-aspetti kollha tal-proposta.

– L-esperti u l-partijiet interessati ġew ikkonsultati f'sessjonijiet ta' ħidma.

– Twettaq studju dwar għażliet futuri għall-infurzar tal-affidabilità stradali u waqt it-traġit fl-Unjoni Ewropea biex jiġu identifikati miżuri possibbli u biex tkun elaborata għodda ta' analiżi tal-benefiċċju mqabbel mal-ispiża relatati mal-effeti tal-ittestjar tal-affidabilità stradali u mal-ispezzjonijiet waqt it-traġit.

Sommarju tat-tweġibiet u ta' kif ġew meqjusa

Matul il-konsultazzjoni fuq l-Internet, tqajmu diversi kwistjonijiet min-naħa tal-partijiet interessati. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta tipprovdi rendikont sħiħ tal-kwistjonijiet sostantivi mqajma u tindika kif ġew ikkunsidrati.

Saret konsultazzjoni miftuħa fuq l-internet mid-29 ta' Lulju 2010 sal-24 ta' Settembru 2010. Il-Kummissjoni rċeviet 9,653 tweġiba mingħand ċittadini, awtoritajiet tal-Istati Membri, fornituri ta' apparati, ċentri tal-ittestjar, assoċjazzjonijiet tal-garaxxijiet u produtturi tal-vetturi.

Ir-riżultati huma disponibbli fi http://ec.europa.eu/transport/road_safety/take-part/public-consultations/pti_en.htm.

- Il-ġbir u l-użu ta' għarfien espert

Dominji xjentifiċi/tal-għarfien espert ikkonċernati

Il-proposta kienet teħtieġ l-evalwazzjoni ta' għażliet ta' politika differenti kif ukoll tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali marbuta magħha.

Il-metodoloġija użata

Twettaq studju dwar l-impatti tal-għażliet differenti ta' politika minn konsulent estern ('Europe Economics') bl-użu ta' diversi rapporti xjentifiċi u ta' evalwazzjoni, l-aktar bħala sorsi ta' mudelli u dejta għall-konverżjoni fi flus tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-għażliet differenti ta' politika. L-istudji li ġew użati l-aktar b'mod estensiv jinkludu dawn li ġejjin:

– Ir-Rapport mill-Kummissjoni lil-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni mill-Istati Membri tad-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq – Perjodi ta' rappurtar 2005-2006 u 2007-2008[7],

[7] COM (2010) 754 finali.

– AUTOFORE (2007),

– "MOT Scheme Evidence-base" Dipartiment tat-Trasport (ir-Renju Unit, 2008),

– Rapport DEKRA tal-2008 dwar is-Sikurezza stradali – Strateġiji għall-prevenzjoni tal-inċidenti fit-toroq tal-Ewropa,

– Rapport DEKRA dwar is-Sikurezza stradali tat-Trakkijiet 2009,

– Rapport DEKRA dwar is-Sikurezza stradali tal-Muturi 2010,

– Rapporti ta' TÜV 2009/2010.

Il-mezzi użati biex il-parir tal-esperti jkun disponibbli għall-pubbliku

Ir-rapporti ta' riċerka kollha lesti u approvati huma disponibbli jew se jkunu disponibbli fil-websajt tad-DĠ għall-Mobilità u t-Trasport.

- Valutazzjoni tal-Impatt

Għall-aspetti prinċipali tal-proposta, ġew ikkunsidrati l-għażliet li ġejjin:

~~(a)~~ L-approċċ ta' 'Ebda tibdil ta' politika' jipprovdi l-każ ta' referenza li miegħu jitqabblu l-effetti tal-għażliet ta' politika oħrajn. F'din l-għażla, jinżamm il-qafas legali attwali tal-UE.

(b) L-"Approċċ ta' leġiżlazzjoni mhux vinkolanti" jkun jikkonsisti f'implimentazzjoni aħjar u monitoraġġ aħjar tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti. Din l-għażla ma tintroduċix leġiżlazzjoni ġdida, iżda jkun hemm sforzi ġodda u akbar mill-Kummissjoni biex jittejbu l-istandards tal-ittestjar u tal-infurzar, kif ukoll azzjonijiet biex ikun hemm inċentivi għall-iskambju tad-dejta.

(c) L-"Approċċ leġiżlattiv" ikun ibbażat fuq żewġ komponenti:

– Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li titjieb is-sikureza tal-vetturi fit-triq, l-ewwel komponent huwa li ssir reviżjoni 'l fuq tal-istandards minimi tal-UE għat-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali (PTI – 'periodic roadworthiness test) u għall-ispezzjonijiet waqt it-traġit (RSI - 'roadside inspections') mhux mistennija u jiġu definiti l-istandards obbligatorji. Dan huwa essenjali sabiex jiġi evitat li jkun hemm nuqqasijiet fis-sistema li jnaqqsu l-effikaċja tal-infurzar tal-affidabilità stradali fit-totalità tagħha.

– Sabiex jintlaħaq l-għan speċifiku li d-dejta meħtieġa għat-testijiet tal-affidabilità stradali u d-dejta li toħroġ minn dawn it-testijiet tkun disponibbli, it-tieni komponent tas-sistema ġenerali jkun jinkludi, fit-tieni fazi, l-istabbiliment possibbli ta' sistema ta' skambju tad-dejta armonizzata tal-UE li torbot flimkien il-bażijiet tad-dejta eżistenti bil-ħsieb li ttejjb l-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-pakkett dwar l-affidabilità stradali tal-UE.

F'diversi Stati Membri għadd kbir ta' ċentri tal-ittestjar privati awtorizzatti jwettqu testijiet tal-affidabilità stradali. Sabiex ikun żgurat approċċ koerenti, għandhom jiġu speċifikati ċerti

proċeduri komuni fil-leġiżlazzjoni bħal-limiti ta' żmien minimi u n-natura tal-informazzjoni li għandha tiġi ppreżentata.

Madankollu, l-valutazzjoni tal-impatt uriet il-benefiċċji ta' kombinazzjoni ta' approċċ ta' leġiżlazzjoni mhux vinkolanti ma' approċċ regolatorju. Għalhekk, il-miżuri leġiżlattivi mhux vinkolanti previsti qabel mill-valutazzjoni tal-impatt ġew integrati f'testi leġiżlattivi.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

- Sommarju tal-azzjoni proposta

Il-vetturi kummerċjali ħfief u t-trejlers tagħhom se jkunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-attivitajiet tat-test waqt it-traġit peress li dan il-grupp ta' vetturi mhux qed isegwi x-xejra 'l isfel tal-fatalitajiet stradali. Vetturi ħfief oħra użati kummerċjalment bħat-taksijiet u l-ambulanzi, li diġà huma suġġetti għal testijiet annwali tal-affidabilità stradali, ma għandhomx ikunu fil-mira prinċipali tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit meta jitqies li dawn il-vetturi għandhom l-aktar rati baxxi ta' fatalitajiet.

Sabiex l-ispezzjonijiet waqt it-traġit ikunu mqassma aħjar mill-Istati Membri, kull sena għandu jiġi spezzjonat persentaġġ ta' vetturi kummerċjali rreġistrati. Il-persentaġġ maħsub, fit-total, mhux se jaqbeż l-għadd ta' testijiet tal-affidabilità stradali li diġà jitwettqu mill-Unjoni.

L-għażla ta' vetturi għandha tkun ibbażata fuq il-profil tar-riskju tal-operaturi u għandu jkollha fil-mira lill-impriżi b'riskju għoli biex tnaqqas il-piż minn fuq dawk l-operaturi li jżommu l-vetturi tagħhom kif suppost. Bid-dispożizzjonijiet attwali jsegwu d-Direttiva 2000/30/KE u kif muri fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tagħha[8] għadd kbir ta' vetturi jitwaqqfu għall-ispezzjonijiet waqt it-traġit fejn ma jinstabu ebda difetti. Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li b'approċċ tal-klassifikazzjoni tar-riskju għal spezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit jistgħu jiġu evitati madwar 2.3 miljun kontroll ta' vetturi miżmuma sew, bi frankar potenzjali ta' EUR 80.4 miljun għall-operaturi tat-trasport. L-għoti tal-profil lil kumpanija għandu jkun ibbażat fuq ir-riżultati ta' testijiet preċedenti tal-affidabilità stradali u spezzjonijiet waqt it-traġit simili għas-sistema li ġiet introdotta mid-Direttiva 2006/22/KE[9] fil-qasam tal-infurzar tal-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ.

Għandhom jitwettqu spezzjonijiet waqt it-traġit aktar elaborati bl-użu ta' tagħmir tal-ittestjar minn unitajiet mobbli ta' spezzjoni jew minn ċentri tal-ittestjar fil-viċin. L-irbit tal-merkanzija għandu jiġi inkluż fil-kontrolli waqt it-traġit. In-nuqqasijiet skoperti għandhom jiġu vvalutati skont regoli armonizzati relatati mar-riskju tagħhom.

Il-livell ta' għarfien u ta' ħiliet tal-ispetturi li jkunu qed iwettqu l-ispezzjonijiet waqt it-traġit għandu jkun tal-inqas daqs il-livell ta' dawn li jwettqu t-testijiet tal-affidabilità stradali.

Il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' infurzar tal-Istati Membri għandha tkun promossa aktar permezz ta' kontrolli magħmula flimkien, inizjattivi konġunti tat-taħriġ, l-iskambju elettroniku

[8] COM(2010)754
[9] ĠU L 102 , 11.4.2006, p. 35.

tal-informazzjoni u l-iskambju ta' intelliġenza u esperjenza. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib u jorganizzaw regolarment attivitajiet ta' spezzjoni magħmula flimkien fejn kull Stat Membru jaġixxi fit-territorju proprju tiegħu fuq il-mira magħżula tal-azzjoni magħmula flimkien, bħall-kundizzjoni tat-tajers u l-irbit tal-merkanzija.

Il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-informazzjoni bejn l-Istati Membri u mal-Kummissjoni se jitwettqu b'mod aktar effikaċi permezz ta' punti ta' kuntatt magħżula fl-Istati Membri.

Ir-rappurtar lill-Kummissjoni se jitwettaq bl-użu ta' formoli tar-rappurtar standardizzati.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa taġġorna l-annessi skont il-progress tekniku permezz ta' atti ddelegati u biex iżżomm iċ-ċertifikati u l-formoli tar-rappurtar f'kooperazzjoni fil-qrib mal-Istati Membri permezz ta' atti ta' implimentazzjoni inkluż, fost oħrajn, proċeduri alternattivi tat-test ibbażati fuq sistemi moderni tat-trattament ta' wara tal-emissjonijiet għall-iċċekkjar tal-użu tan-NOx u tal-konformità tal-emissjonjiet partikolati li għadhom qed jiġu żviluppati

- Bażi legali

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu°91 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- Prinċipju tas-sussidjarjetà

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

L-għanijiet tal-proposta ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri minħabba r-raġunijiet li ġejjin: ir-rekwiżiti tekniċi għall-ispezzjonijiet waqt it-traġit ġew issettjati fuq livell minimu fil-livell tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tagħhom mill-Istati Membri wasslet għal livell għoli ta' diversità fir-rekwiżiti mal-Unjoni kollha b'impatti negattivi kemm fuq is-sikurezza stradali kif ukoll fuq is-suq intern.

Il-proposta għalhekk hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- Prinċipju tal-proporzjonalità

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin.

Kif muri fil-valutazzjoni tal-impatt, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità għax ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet relatati maż-żieda fis-sikurezza stradali u l-ħarsien ambjentali billi żżid il-kwalità u ssaħħaħ l-ispezzjonijiet waqt it-traġit u toħloq il-qafas xieraq għal fluss bla problemi tal-informazzjoni.

- Għażla tal-istrument

Strumenti proposti: Regolament.

L-użu ta' Regolament jitqies xieraq sabiex jipprovdi l-iżgurar meħtieġ tal-konformità filwaqt li ma jirrikjedix traspożizzjoni fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI [FEJN MEĦTIEĠ]

- Revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti.

- Żona Ekonomika Ewropea

L-att propost jikkonċerna kwistjoni taż-ŻEE u għalhekk għandu jestendi għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

2012/0186 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-ispezzjoni teknika waqt it-traġit tal-affidabilità stradali ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fl-Unjoni u li jirrevoka d-Direttiva 2000/30/KE

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-White Paper tat-28 ta' Marzu 2011 'Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport – Lejn sistema tat-trasport kompetittiva u li tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti'[3] l-Kummissjoni tistipula mira ta' 'viżjoni zero' li fih l-Unjoni għandha tersaq qrib lejn zero fatalitajiet fit-trasport tat-triq sal-2050. Biex jintlaħaq dan il-għan, it-teknoloġija tal-vetturi hija mistennija tikkontribwixxi ħafna lejn it-titjib tar-rekord ta' sikurezza tat-trasport tat-triq.

(2) Il-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni 'Lejn Żona Ewropea ta' sikurezza tat-triq: orjentazzjonijiet ta' politika dwar is-sikurezza tat-triq 2011-2020'[4], tipproponi li tnaqqas l-għadd ġenerali tal-fatalitajiet stradali fl-Unjoni bin-nofs sal-2020 mill-2010. Bil-ħsieb li tilħaq dan l-iskop, il-Kummissjoni ddefiniet seba' għanijiet strateġiċi inklużi azzjonijiet għal vetturi aktar sikuri, strateġija biex jitnaqqas l-għadd ta' nies

---

1 ĠU C, p.
2 ĠU C, , p .
3 COM (2011) 144 finali.
4 COM (2010) 389 finali.

feruti u t-titjib għas-sikurezza tal-utenti vulnerabli stradali, b'mod partikolari l-motoċiklisti.

(3) L-ittestjar tal-affidabilità stradali huwa parti minn reġim usa' li jiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentali aċċettabli matul l-użu tagħhom. Din is-sistema għandha tkopri testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għall-vetturi kollha u l-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit għall-vetturi użati għal attivitajiet kummerċjali tat-trasport tat-triq kif ukoll dispożizzjonijiet dwar proċedura għar-reġistrazzjoni tal-vetturi biex ikun żgurat li vetturi li huma ta' riskju immedjat għas-sikurezza stradali ma jintużawx fit-toroq.

(4) Fl-Unjoni ġew adottati għadd ta' standards u rekwiżiti tekniċi għas-sikurezza tal-vetturi. Madankollu, huwa meħtieġ li jkun żgurat, permezz ta' sistema ta' spezzjonijiet mhux mistennija waqt it-traġit, li wara li jitqiegħdu fis-suq, il-vetturi jkomplu jissodisfaw l-istandards ta' sikurezza matul il-ħajja tagħhom.

(5) L-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit, kif stabbilit bid-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2000 dwar l-ispezzjoni teknika tal-ġenb tat-triq biex jiġi stabbilit jekk il-vetturi kummerċjali li jiċċirkulaw fil-Komunità humiex tajba għat-triq[5], huma element kruċjali sabiex jinkiseb livell għoli kontinwu ta' affidabilità stradali tal-vetturi kummerċjali matul l-użu kollu tagħhom. Spezzjonijiet bħal dawn jikkontribwixxu mhux biss għas-sikurezza stradali u tnaqqis tal-emissjonijiet tal-vettura iżda wkoll biex tkun evitata l-kompetizzjoni mhux ġusta fit-trasport tat-triq minħabba li jiġu aċċettati livelli differenti ta' spezzjoni bejn l-Istati Membri.

(6) L-ispezzjonijiet waqt it-traġit għandhom jiġu implimentati permezz ta' sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju. L-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 206 dwar il-kondizzjonijiet minimi għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 3820/85 u 3821/85 dwar il-leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam ma' attivitajiet tat-trasport bit-triq u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 88/599/KEE[6].

(7) Dan ir-Regolament għandu japplika għal vetturi kummerċjali b'veloċità skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa kif definit fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi[7]. Madanakollu, dan ma għandux iwaqqaf lill-Istati Membri milli jwettqu spezzjonijiet waqt it-traġit fuq vetturi mhux koperti minn dan ir-Regolament jew milli jiċċekkjaw aspetti oħrajn tat-trasport tat-triq, b'mod partikolari dawk relatati mal-ħin tas-sewqan u tal-mistrieħ, jew it-trasport ta' oġġetti perikoluż.

---

5 ĠU L 203, 10.8.2000, p. 1

6 ĠU L 102, 11.4.2006, p. 35.

7 ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1.

(8) Ir-rapporti dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2000/30/KE[8] juru biċ-ċar l-importanza tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit. Matul il-perjodu 2007-2008, kważi 300 000 vettura suġġetta għal spezzjonijiet waqt it-traġit mal-Unjoni kollha ġew irrappurtati bħala li jinsabu f'kundizzjoni tant ħażina li kellhom jiġu immobilizzati. Dawk ir-rapporti juru wkoll differenzi sinifikattivi bejn ir-riżultati ta' spezzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri. Matul il-perjodu 2007-2008, id-differenzi fil-persentaġġi ta' ċerti nuqqasijiet kienu ta' bejn 0.6 % sa 41.4 % bejn pajjiżi ġirien. Finalment, dawk ir-rapport jenfasizzaw id-differenzi importanti fl-għadd ta' spezzjonijiet waqt it-traġit imwettqa bejn l-Istati Membri. Sabiex jintlaħaq approċċ aktar ibbilanċjat, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-impenn li jwettqu għadd minimu ta' spezzjonijeit, proporzjonali mal-għadd ta' vetturi kummerċjali rreġistrati fit-territorju tagħhom.

(9) Il-vannijiet u t-trejlers tagħhom qed jintużaw b'mod aktar frekwenti fit-trasport tat-triq. Dawn il-vetturi mhumiex koperti minn ċerti rekwiżiti bħar-rekwiżiti tat-taħriġ għal xufiera professjonali jew l-istallazjoni ta' apparat li jillimita l-veloċità u dan qed jirriżulta f'għadd relattivament għoli ta' inċidenti fit-triq li jinvolvu vetturi bħal dawn. Għalhekk il-vannijiet u t-trejlers tagħhom għandhom jiġu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit.

(10) Bil-ħsieb li jiġu evitati piżijiet u spejjeż amministrattivi mhux meħtieġa u biex titjieb l-effikaċja tal-ispezzjonijiet, il-vetturi operati minn impriżi li ma jikkonformawx ma' standards tas-sikurezza stradali u dawk ambjentali għandhom jintgħażlu bħala prijorità, filwaqt li vetturi mħaddma minn operaturi responsabbli u li jagħtu każ is-sikurezza u li jinżammu kif xieraq għandhom jiġu ppremjati bi spezzjonijiet inqas frekwenti.

(11) L-ispezzjonjiet tekniċi waqt it-traġit għandhom jikkonsistu minn spezzjonijiet inizjali u, fejn ikun meħtieġ, spezzjonijiet aktar iddettaljati. Fiż-żewġ każijiet għandhom ikopru l-partijiet u s-sistemi kollha rilevanti tal-vetturi. Sabiex jinkiseb ittestjar aktar armonizzat, għall-elementi tat-test kollha possibbli, għandhom jiġu introdotti metodi tat-test u eżempji tan-nuqqasijiet u l-valutazzjoni tagħhom skont is-severità tagħhom.

(12) F'diversi Stati Membri, ir-rapporti tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit huma elaborati permezz ta' mezzi elettroniċi. F'każijiet bħal dawn għandha tingħata kopja stampata tar-rapport tal-ispezzjoni lix-xufier. Id-dejta u l-informazzjoni kollha miġbura matul l-ispezzjonijiet waqt it-traġit għandhom jiġu ttrasferiti għand repożitorju komuni tal-Istat Membru sabiex id-dejta tkun tista' tiġi pproċessata aktar faċilment u biex it-trasferiment tal-informazzjoni jkun jista' jitwettaq mingħajr piż amministrattiv addizzjonali.

(13) L-użu tal-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni jnaqqas id-dewmien u l-ispejjeż għall-operaturi peress li jkunu jistgħu jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati waqt it-traġit. Iċ-ċentri tal-ittestjar jistgħu jintużaw ukoll sabiex iwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati f'ċerti ċirkustanzi.

(14) Il-persunal li jwettaq spezzjonijiet waqt it-traġit aktar dettaljati għandu, tal-inqas, ikollu l-istess ħiliet u jissodisfa l-istess rekwiżiti bħal dawk li jwettqu testijiet tal-

[8] COM (2010) 754 finali.

affidabilità stradali skont ir-Regolament (UE) Nru XX/XX/XX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] dwar l-affidabilità stradali għall-vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom u li jħassar id-Direttiva 2009/40/KE[9].

(15) Il-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattiki bejn l-Istati Membri huma kruċjali għall-kisba ta' sistema aktar armonizzata tal-ispezzjonijiet tekniċi waqt it-traġit mal-Unjoni kollha. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jaħdmu aktar fil-qrib ukoll waqt attivitajiet operazzjonali. Din il-kooperazzjoni għandha tinkludi wkoll l-organizzazzjoni perjodika ta' spezzjonijiet organizzati flimkien waqt it-traġit.

(16) Sabiex ikun żgurat l-iskambju effikaċi ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, f'kull Stat Membru għandu jkun hemm korp wieħed bħala punt ta' kuntatt biex ikun l-intermedjarju ma' awtoritajiet kompetenti rilevanti oħrajn. Il-korp għandu jikkompila wkoll statistiċi rilevanti. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom japplikaw strateġija ta' infurzar nazzjonali koerenti fit-territorju tagħhom u jistgħu jinnominaw korp wieħed biex jikkoordina l-implimentazzjoni tagħha. L-awtoritajiet kompetenti f'kull Stat Membru għandhom jagħżlu proċeduri li jistipulaw il-limiti ta' żmien u l-kontenuti tal-informazzjoni li għandha tingħata.

(17) Sabiex ikun permess il-monitoraġġ tas-sistema tal-ispezzjoni waqt it-traġit implimentata fl-Istati Membri tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ir-riżultati tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit imwettqa lill-Kummissjoni fuq bażi biannwali. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta d-dejta li tingabar lill-Parlament Ewropew.

(18) L-Istati Membri għandhom jistipulaw ir-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom iżguraw li dawn jiġu implimentati. Dawk il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

(19) Sabiex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'aktar dettalji tekniċi, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni bil-ħsieb li titqies, meta jkun xieraq, l-evoluzzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-KE dwar l-approvazzjoni tat-tip fir-rigward tal-kategoriji tal-vetturi, kif ukoll il-ħtieġa li l-Annessi jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Huwa importanti ħafna li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt il-fażi tax-xogħol ta' tħejjija, inkluż fil-livell ta' esperti. Meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(20) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat ta' implimentazzjoni għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi

[9] ĠU L [XXX]

r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[10].

(21) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu stipulati rekwiżiti komuni minimi u regoli armonizzati dwar it-twettiq ta' spezzjonijiet waqt it-traġit tal-vetturi fl-Unjoni, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan.

(22) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif imsemmi fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

(23) Dan ir-Regolament ikabbar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2000/30/KE u jaġġorna r-rekwiżiti tekniċi tiegħu. Għalhekk, din id-Direttiva għandha titħassar. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jintegra r-regoli misjuba fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2010/379/UE tal-5 ta' Lulju 2010 dwar il-valutazzjoni tar-riskju tan-nuqqasijiet li jinstabu waqt spezzjonijiet tekniċi (ta' vetturi kummerċjali) fit-triq skont id-Direttiva 2000/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, DEFINIZZJONIJIET U KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Artikolu 1
Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema ta' spezzjonijiet waqt it-traġit ta' vetturi kummerċjali li jiċċirkolaw fit-territorju tal-Istati Membri.

Artikolu 2
Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu japplika għall-vetturi kummerċjali b'veloċità skont id-disinn li jaqbeż il-25 km/siegħa tal-kategoriji li ġejjin, kif definit fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill:

   – vetturi bil-magna użati għall-ġarr tal-passiġġieri u b'aktar minn tmin sedili, eskluż is-sedil tax-xufier – kategoriji tal-vettura M2 u M3,

[10] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.
[11] ĠU L 173, 8.7.2010, p. 97.

– vetturi bil-magna li għandhom tal-inqas erba’ roti, normalment użati għall-ġarr bit-triq ta' oġġetti u b'massa massima permessibbli li ma taqbiżx it-3 500 kg - kategorija tal-vettura N1,

– vetturi bil-magna użati għall-ġarr ta’ oġġetti u b’massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg – kategoriji tal-vettura N2 u N3,

– trejlers u semitrejlers b'massa massima permessibbli li ma taqbiżx it-3 500 kg - kategoriji tal-vettura O1 u O2,

– trejlers u semitrejlers b'massa massima permessibbli li taqbeż it-3 500 kg - kategoriji tal-vettura O3 u O4.

2. Dan ir-Regolament ma jaffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jwettqu spezzjonijiet waqt it-traġit fuq vetturi mhux koperti minn dan ir-Regolament.

Artikolu 3
Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1) ‘vettura’ tfisser kull vettura bil-magna li ma timxix fuq il-linji ferrovjarji jew it-trejler jew is-semitrejler tagħha;

(2) ‘vettura bil-magna' tfisser kull vettura bir-roti li tuża l-enerġija biex timxi u tiċċaqlaq bis-saħħa tal-mezzi tagħha stess b’veloċità massima skont id-disinn li taqbeż il-25 km/siegħa;

(3) "trejler" tfisser kwalunkwe vettura bir-roti li ma għandhiex propulsjoni tagħha stess imfassla u mibnija biex tiġi rmunkata minn vettura bil-magna;

(4) ‘semitrejler’ tfisser kwalunkwe trejler iddisinjat biex jingħaqad ma' vettura bil-magna b’mod li parti minnu jistrieħ fuq il-vettura bil-magna u li parti sostanzjali tal-massa tiegħu u tal-massa tat-tagħbija tiegħu tinġarr mill-vettura bil-magna;

(5) ‘merkanzija’ tfisser l-oġġetti kollha li jitpoġġew ġo vettura jew fuq vettura u li mhumiex imwaħħla mal-vettura b’mod permanenti, inklużi oġġetti ġewwa l-kerjers tat-tagħbija bħal sovrastrutturi interkambjabli ('swap body') jew kontenituri fuq il-vetturi;

(6) ‘vettura kummerċjali’ tfisser vettura bil-magna u t-trejler tagħha maħsubin għat-trasport ta' oġġetti jew passiġġieri għal finijiet professjonali;

(7) ‘vettura rreġistrata fi Stat Membru’ tfisser vettura li hija rreġistrata jew li daħlet fis-servizz fi Stat Membru;

(8) ‘detentur ta’ ċertifikat tar-reġistrazzjoni’ tfisser il-persuna li l-vettura hija rreġistrata f'isimha;

(9) ‘spezzjoni waqt it-traġit’ tfisser spezzjoni mhux mistennija tal-affidabilità stradali ta’ vettura kummerċjali li tiċċirkola fit-toroq miftuħa għat-traffiku pubbliku fit-territorju ta’ Stat Membru mwettqa mill-awtoritajiet, taħt superviżjoni diretta;

(10) ‘test tal-affidabilità stradali’ tfisser verifika li l-partijiet u l-komponenti ta’ vettura huma konformi mal-karatteristiċi ta’ sikurezza u dawk ambjentali fis-seħħ fiż-żmien tal-approvazzjoni, l-ewwel reġistrazzjoni jew dħul fis-servizz, jew fiż-żmien tal-modifiki li jkunu saru wara;

(11) ‘awtorità kompetenti’ tfisser awtorità jew korp pubbliku responsabbli għall-ġestjoni tas-sistema nazzjonali ta' spezzjonijiet waqt it-traġit.

(12) ‘spettur’ tfisser persuna awtorizzata minn Stat Membru biex twettaq spezzjonijiet waqt it-traġit.

(13) ‘nuqqasijiet’ tfisser difetti tekniċi u istanzi oħra ta’ nuqqas ta’ konformità li jinstabu matul spezzjoni waqt it-traġit;

(14) ‘spezzjoni organizzata flimkien waqt it-traġit' tfisser spezzjoni waqt it-traġit organizzata simultanjament minn żewġ Stati Membri jew aktar.

KAPITOLU II

SISTEMA TA’ SPEZZJONIJIET WAQT IT-TRAĠIT U OBBLIGI ĠENERALI

Artikolu 4

Sistema tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit

Is-sistema tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit għandha tinkludi spezzjonijiet inizjali waqt it-traġit kif imsemmi fl-Artikolu 9 u spezzjonijiet aktar dettaljati waqt it-traġit kif imsemmi fl-Artikolu 10(1).

Artikolu 5

Persentaġġ tal-vetturi li għandhom jiġu spezzjonati

Kull Stat Membru għandu jwettaq, f’kull sena kalendarja, għadd totali ta’ spezzjonijiet inizjali, li jikkorrispondi għal tal-inqas għal 5 % tal-għadd totali ta’ vetturi msemmija fl-Artikolu 3(1) li huma rreġistrati fit-territorju tiegħu.

Artikolu 6

Sistema ta’ klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit

1. Għandha tiġi introdotta sistema ta’ klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit abbażi tal-għadd u s-severità tan-nuqqasijiet li jinstabu fuq il-vetturi mħaddma minn impriżi individwali, fuq livell nazzjonali. Is-sistema ta’

klassifikazzjoni tar-riskju għandha tiġi mħaddma mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru.

2. Għandu jiġi attribwit profil tar-riskju lil kull impriża identifikata fis-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit bl-użu tal-kriterji stipulati fl-Anness I.

L-impriżi għandhom jiġu kklassifikati skont il-profil tar-riskju li ġej:

– riskju għoli,

– riskju medju,

– riskju baxx.

3. Bil-ħsieb li tiġi implimentata sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit, l-Istati Membri jistgħu jużaw is-sistema ta' klassifikazzjoni tar-riskju stabbilita skont l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2006/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Artikolu 7
Responsabilitajiet

1. Ix-xufiera ta' vettura rreġistrata fi Stat Membru għandhom iżommu abbord ċertifikat tal-affidabilità stradali li jikkorrispondi mal-aħħar test tal-affidabilità stradali u r-rapport tal-aħħar spezzjoni waqt it-traġit, meta dawn ikunu disponibbli.

2. Ix-xufier ta' vettura suġġetta għal spezzjoni waqt it-traġit għandu jikkoopera mal-ispetturi u jipprovdi aċċess għall-vettura u l-partijiet tagħha għall-finijiet tal-ispezzjoni.

3. L-impriżi individwali għandhom jiżguraw li l-vetturi li jħaddmu huma f'kundizzjoni tajba ta' affidabilità stradali l-ħin kollu.

Artikolu 8
Spetturi

1. L-ispetturi ma għandhom iwettqu l-ebda diskriminazzjoni fuq il-bażi tan-nazzjonalità tax-xufier, jew il-pajjiż tar-reġistrazzjoni jew tad-dħul fis-servizz tal-vettura meta jagħżlu l-vettura għal spezzjoni waqt it-traġit u meta jwettqu l-ispezzjoni.

2. L-ispettur li jwettaq test tal-affidabilità stradali ta' vettura ma għandux ikun involut fit-twettiq sussegwenti ta' spezzjoni waqt it-traġit tal-istess vettura.

3. L-ispettur għandu jkun imparzjali u ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess, b'mod partikolari fir-rigward ta' rabtiet ekonomiċi, personali jew familjari max-xufier, l-operatur jew id-detentur taċ-ċertifikat ta' reġistrazjoni tal-vettura spezzjonata.

4. L-ispetturi ma għandhom bl-ebda mod jiġu ppremjati għall-għadd jew għar-riżultati tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit imwettqa.

KAPITOLU III

PROĊEDURI TAL-ISPEZZJONIJIET

Artikolu 9

Għażla tal-vetturi għall-ispezzjoni inizjali waqt it-traġit

Meta jkunu qed jiġu identifikati l-vetturi suġġetti għal spezzjoni waqt it-traġit, l-ispetturi għandhom jagħżlu, bħala prijorità, il-vetturi mħaddma minn impriżi bi profil ta' riskju għoli kif imsemmi fl-Artikolu 6(2). Jistgħu jintgħażlu vetturi oħrajn għall-ispezzjoni fejn hemm suspett li l-vettura tippreżenta riskju għas-sikurezza stradali.

Artikolu 10
Kontenut u metodi tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit

1. Il-vetturi li jintgħażlu għal spezzjoni waqt it-traġit skont l-Artikolu 9 għandhom ikunu suġġetti għal spezzjoni inizjali waqt it-traġit.

   Waqt kull spezzjoni inizjali waqt it-traġit ta' vettura, l-ispettur għandu:

   (a) jiċċekkja ċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali u r-rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġit, fejn ikunu disponibbli, li jkunu qed jinżammu abbord skont l-Artikolu 7(1);

   (b) iwettaq valutazzjoni viżwali tal-kundizzjoni tal-vettura u tal-merkanzija tagħha.

   Jekk fir-rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġit preċedenti kienu ġew indikati xi nuqqas jew xi nuqqasijiet, l-ispettur għandu jivverifika jekk dan in-nuqqas jew dawn in-nuqqasijiet ġewx rettifikati.

2. Abbażi tar-riżultat tal-ispezzjoni inizjali, l-ispettur jista' jiddeċiedi li l-vettura jew it-trejler tagħha għandu jkun suġġett għal spezzjoni aktar dettaljata waqt it-traġit.

   Spezzjoni aktar dettaljata waqt it-traġit għandha tinkludi tal-inqas l-oqsma li ġejjin:

   – tagħmir tal-brejkijiet,

   – l-istering,

   – il-fusijiet, ir-roti, it-tajers u s-suspenxin,

   – effetti negattivi.

L-ispezzjoni ta’ kull wieħed minn dawn l-oqsma għandu jkopri element wieħed, diversi elementi jew l-elementi kollha elenkati fl-Anness II u li huma rilevanti għal dawn l-oqsma.

Barra minn hekk, l-ispettur jista’ jiċċekkja oqsma oħra tal-ispezzjoni elenkati fil-punt 1 tal-Anness II u li jkopru element wieħed, diversi elementi jew l-elementi kollha elenkati f’dan l-Anness.

Fejn iċ-ċertifikat tal-affidabilità stradali jew rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġit juri li spezzjoni ta’ wieħed mill-elementi elenkati fl-Anness II twettaq matul ix-xahar ta’ qabel, l-ispettur ma għandux jiċċekkja dan l-element sakemm dan ma jkunx ġustifikat fuq il-bażi ta’ nuqqas ovvju.

4. Meta jkun qed iwettaq spezzjoni waqt it-traġit, l-ispettur għandu juża l-metodi ta' spezzjoni stipulati fl-Anness II.

5. Għandhom jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati waqt it-traġit biss minn spetturi li jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi ta' kompetenza u taħriġ stipulati fl-Artikolu 12 u l-Anness VI tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom.

Artikolu 11
Faċilitajiet ta’ spezzjoni

1. Għandhom jitwettqu spezzjonijiet aktar dettaljati waqt it-traġit permezz ta unità mobbli ta' spezzjoni, jew f'ċentru tal-ittestjar kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' [data] dwar it-testijiet tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-magna u t-trejlers tagħhom.

2. Fejn l-ispezzjonijiet ikunu se jitwettqu f’ċentru tal-ittestjar, il-post tal-ispezzjoni inizjali waqt it-traġit ma għandux ikun iffissat għal aktar minn 10 km ‘l bogħod minn dan iċ-ċentru.

2. L-unitajiet mobbli tal-ispezzjoni għandhom jinkludu tagħmir xieraq għat-twettiq ta’ spezzjoni waqt it-traġit, inkluż tal-inqas it-tagħmir meħtieġ għall-valutazzjoni tal-kundizzjoni tal-brejkijiet, l-istering, is-suspenxin u l-emissjonijiet tal-vettura.

.

Artikolu 12
Valutazzjoni tan-nuqqasijiet

1. Għal kull element spezzjonat, l-ispettur għandu juża l-lista ta’ nuqqasijiet possibbli u l-livell tagħhom ta' severità kif ipprovdut fl-Anness III.

2. Meta l-ispettur ikun qed iwettaq spezzjoni waqt it-traġit, huwa għandu jattribwixxi livell ta’ severità lil kull nuqqas skopert u jikklassifikah f’wieħed mill-gruppi li ġejjin:

– nuqqasijiet tekniċi li ma għandhom ebda effett sinifikanti fuq is-sikurezza tal-vettura u nuqqasijiet minuri ta' konformità oħrajn.

– nuqqasijiet kbar li jistgħu jippreġudikaw is-sikurezza tal-vettura jew iqiegħdu fil-periklu lil utenti oħra tat-triq jew nuqqasijiet ta' konformità sinifikanti oħrajn;

– nuqqasijiet perikoluż li jwasslu għal riskji diretti u immedjati għas-sikurezza stradali tant li l-vettura ma għandha tintuża fit-triq taħt ebda ċirkustanza.

3. Vettura li għandha nuqqasijiet li jappartjenu f'aktar minn grupp ta' nuqqasijiet wieħed imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu kklassifikati fil-grupp li jikkorispondi man-nuqqas l-aktar serju. Vettura li turi diversi nuqqasijiet tal-istess grupp għandha tiġi kklassifikata fil-grupp aktar serju li jkun imiss jekk l-effett kombinat ta' dawk in-nuqqasijiet jirriżulta f'riskju ogħla għas-sikurezza stradali.

Artikolu 13

Regoli speċifiċi rigward l-ispezzjoni tal-irbit tal-merkanzija

L-ispettur jista' jwettaq spezzjoni tal-irbit tal-merkanzija ta' vettura skont l-Anness IV. Il-proċeduri ta' segwitu msemmija fl-Artikolu 14 għandhom japplikaw ukoll f'każ ta' nuqqasijiet kbar jew perikoluż relatati mal-irbit tal-merkanzija.

Artikolu 14

Segwitu f'każ ta' nuqqasijiet kbar jew perikoluż

1. Kull nuqqas kbir li joħroġ waqt spezzjoni inizjali jew aktar dettaljata għandu jiġi rrettifikat mingħajr dewmien u fil-viċinanza tal-post tal-ispezzjoni.

2. L-ispettur jista' jiddeċiedi li l-vettura għandha tkun suġġetta għal test tal-affidabilità stradali fil-limitu ta' żmien stipulat minnu jekk il-vettura tkun irreġistrata fl-Istat Membru fejn tkun twettqet l-ispezzjoni waqt it-traġit. Jekk il-vettura tkun irreġistrata fi Stat Membru ieħor, l-ispettur jista' jitlob lill-awtorità kompetenti ta' dan l-Istat Membru biex iwettaq test tal-affidabilità stradali ieħor ta' din il-vettura bil-proċedura stipulata fl-Artikolu 18(3).

3. L-ispettur ma għandux jawtorizza vettura kklassifikata bħala li fiha nuqqasijiet perikoluż biex tintuża sakemm dawn in-nuqqasijiet ma jiġux rettifikati fil-post tal-ispezzjoni. L-ispettur jista' jawtorizza li din il-vettura tintuża sabiex tasal sal-ħanut tax-xogħol l-aktar qrib fejn tista' ssir ir-rettifika ta' dawn in-nuqqasijiet, bil-kundizzjoni li n-nuqqasijiet perikoluż jissewwew b'mod li jippermettu li l-vettura tasal f'dan il-ħanut tax-xogħol u li mhemm ebda riskju immedjat għas-sikurezza tal-okkupanti jew tal-utenti tat-triq l-oħrajn.

L-ispettur jista' jawtorizza l-vettura kklassifikata bħala li għandha nuqqasijiet perikolużu sabiex titwassal direttament sas-sit l-aktar qrib fejn din il-vettura tista' tissewwa jew tiġi kkonfiskata.

Artikolu 15
Tariffi tal-ispezzjoni

Meta jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikoluży wara spezzjoni aktar dettaljata, l-Istati Membri jistgħu jintalbu l-ħlas ta' tariffa. L-ammont tat-tariffa għandu jkun raġonevoli u ma għandux jaqbez l-ammont tat-tariffa meħtieġa għal test tal-affidabilità stradali tal-istess tip ta' vettura.

Artikolu 16
Rapport tal-ispezzjoni u bażi tad-dejta tal-ispezzjoni waqt it-traġit

1. Mat-tlestija tal-ispezzjoni aktar dettaljata, l-ispettur għandu jfassal rapport skont l-Anness V. Ix-xufier tal-vettura għandha tingħatalu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni jew, fil-każ ta' rapporti stabbiliti b'mod elettroniku, kopja stampata tar-rapport.

2. L-ispettur għandu jikkomunika r-riżultati tal-ispezzjoni aktar dettaljata lill-awtorità kompetenti, f'limitu ta' żmien raġonevoli wara dawn l-ispezzjonijiet. L-awtorità kompetenti għandha żżomm din l-informazzjoni għal 36 xahar mid-data tal-wasla tagħha. .

3. Ir-riżultati tal-ispezzjonijiet waqt it-traġit għandhom jiġu kkomunikati lill-awtorità tar-reġistrazjoni tal-vettura.

KAPITOLU IV

KOOPERAZZJONI U SKAMBJU TAL-INFORMAZZJONI

Artikolu 17
Ħatra ta' punt ta' kuntatt

1 L-Istati Membri għandhom jaħtru punt ta' kuntatt li għandu:

– jiżgura l-koordinazzjoni mal-punti ta' kuntatt li jinħatru mill-Istati Membri l-oħra fir-rigward ta' azzjonijiet li jittieħdu skont l-Artikolu 18,

– jikkomunika d-dejta msemmija fl-Artikolu 20 lill-Kummissjoni,

– ikun responsabbli għall-iskambju tal-informazzjoni u jassisti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu l-ismijiet u d-dettalji ta' kuntatt tal-punt ta' kuntatt nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [*sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] u jinfurmawha bla dewmien meta jkun hemm xi tibdil. Il-Kummissjoni għandha tfassal lista tal-punti ta' kuntatt nazzjonali kollha, u tibgħatha lill-Istati Membri.

Artikolu 18

Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri

1. Meta jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi, b'mod partikolari dawk li jirriżultaw f'projbizzjoni tal-użu tal-vettura, f'vettura li mhijiex irreġistrata fl-Istat Membru tal-ispezzjoni, il-punt ta' kuntatt għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura bir-riżultati ta' din l-ispezzjoni. Din l-informazzjoni għandu jkun fiha l-elementi tar-rapport tal-ispezzjoni waqt it-traġit kif stipulat fl-Anness VI. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-proċeduri għan-notifika tal-vetturi b'nuqqasijiet kbar jew perikolużi lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni skont il-proċedura ta' eżaminiazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(2). .

2. Meta jinstabu nuqqasijiet kbar jew perikolużi f'vettura, il-punt ta' kuntatt tal-Istat Membru li fih il-vettura ġiet spezzjonata jista' jitlob lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li fiha hija rreġistrata l-vettura biex tieħu azzjoni xierqa ta' segwitu, bħas-sottomissjoni tal-vettura għal test ieħor tal-affidabilità stradali kif ipprovdut fl-Artikolu 14.

   L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura għandha tinforma lill-Istat Membru tal-ispezzjoni bl-azzjoni li tkun ittieħdet.

Artikolu 19

Spezzjonijiet organizzati flimkien waqt it-traġit

L-Istati Membri għandhom, tal-inqas sitt darbiet fis-sena, jieħdu sehem fi spezzjonijiet organizzati flimkien waqt it-traġit. L-Istati Membri jistgħu jikkombinaw dawn l-attivitajiet ma dawn stipulati fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/22/KE.

Artikolu 20

Komunikazzjoni tal-informazzjoni lill-Kummissjoni

1. Qabel il-31 ta' Marzu ta' kull tieni sena, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, b'mezzi elettroniċi, id-dejta li tinġabar relatata mas-sentejn kalendarji ta' qabel u li tikkonċerna l-vetturi spezzjonati. Din id-dejta għandha tinkludi:

   (a) l-għadd ta' vetturi spezzjonati;

   (b) il-katogorija tal-vetturi spezzjonati skont il-punt 6 tal-Anness V.

   (c) l-Istat Membru tar-reġistrazzjoni tal-vettura;

   (d) l-elementi ċċekkjati u n-nuqqasijiet skoperti, skont il-punt 8 tal-Anness V.

L-ewwel rapport għandu jkompri l-perjodu ta' sentejn li jibda fl-1 ta' Jannar [sena].

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta regoli dettaljati dwar il-komunikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 skont il-proċedura ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 22(2).

Sakemm jiġu stabbiliti dawn ir-regoli, għandha tintuża l-formola standard tar-rappurtar stipulata fl-Anness VI.

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta d-dejta li tinġabar lill-Parlament Ewropew.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET DWAR SETGĦAT IDDELEGATI U TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 21
Atti ddelegati

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati b'konformità mal-Artikolu 22 bil-ħsieb li:

– 1) taġġorna l-Artikolu 2(1) kif xieraq sabiex tqis it-tibdil fil-kategoriji tal-vetturi li jirriżulta mill-emendi għal-leġiżlazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu,

– taġġorna l-Annessi fid-dawl tal-progress tekniku jew sabiex tqis il-modifikazzjoni fil-leġiżlazzjoni internazzjonali jew tal-Unjoni.

Artikolu 22
Eżerċitar ta' delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 21 għandha tiġi kkonferita għal perjodu indeterminat ta' żmien [*mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 21 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data iktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att iddelegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 21 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu ta' żmien għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 23
Proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta għandha tinkiseb l-opinjoni tal-kumitat permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, fil-limitu ta' żmien għall-ħruġ tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat jitolbu hekk.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 24
Penalitajiet

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li jiġu implimentati. Dawk il-penalitajiet għandhom ikunu effettivi, proporzjonati, dissważivi u mhux diskriminatorji.

2. Ir-regoli stipulati skont il-paragrafu 1 għandhom jinkludu penalitajiet għan-nuqqas ta' kooperazzjoni tax-xufier jew l-operatur mal-ispettur kif ukoll li jiġu rettifikati n-nuqqasijiet skoperti matul spezzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni [*sa sena mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*] l-aktar tard u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

Artikolu 25
Revoka

Id-Direttiva 2000/30/KE hija rrevokata b'effett minn [*id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament*].

Artikolu 26
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika minn [*12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*